**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 191**

It-Tnejn, 8 ta' Jannar 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

## ATTENDENZA

Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Keith Azzopardi Tanti kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva l-Onor. Jo Etienne Abela, l-Onor. Ray Abela, l-Onor. Ivan J. Bartolo, l-Onor. Katya De Giovanni, l-Onor. Chris Said, l-Onor. Stephen Spiteri, l-Onor. Ian Vassallo u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg u l-Onor. Randolph De Battista kienu assenti.

## TALBA

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qalet it-talba.

## MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta 190 li saret fit-18 ta' Diċembru 2023 kienu kkonfermati.

## KUNSENS GĦALL-ATTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġbu jagħti l-kunsens tiegħu għal:

- **Att XLI tal-2023** – Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar Gvern Lokali;
- **Att XLII tal-2023** – Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali;
- **Att XLIII tal-2023** – Att tal-2023 li jemenda l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Emenda Nru 2);
- **Att XLIV tal-2023** – Att tal-2023 dwar l-Approprjazzjoni (2024); u
- **Att XLV tal-2023** – Att tal-2023 dwar it-Tieni Approprjazzjoni (2023).

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2805 Tweġiba għal mistoqsija parlamentari 30 magħmula lis-Sedja mill-Onor. Darren Carabott dwar Crowd Barriers madwar il-Parlament; u

P.L. 2806 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Joseph Muscat et vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 71/2022 TA), deċiża fit-12 ta' Ottubru 2023, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-Artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, flimkien ma' ċertifikat li l-kawża ma ġietx appellata datata 13 ta' Novembru 2023.

## MISTOQSIJIET

L-Ispeaker informa l-Kamra li fil-laqgħa li nżammet aktar kmieni dakinhar fil-Kumitat dwar ix-Xogħol tal-Kamra, kien intlaħaq ftehim illi t-terminu ta' avviż ta' mill-inqas tliet ijiem għall-mistoqsijiet parlamentari (Ordni Permanenti 22) li saru lill-Ministri li kellhom tibdil fid-dekasteru tagħhom, għandu jiġi estiż b'mod li dawk il-mistoqsijiet li kellhom jitwieġbu fis-seduti ta' din il-ġimgħa, jingħataw tweġiba fis-seduta ta' nhar it-Tnejn, 15 ta' Jannar 2024.

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 12053 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

## MERĦBA MILL-ISPEAKER

L-Ispeaker ta merħba lil Michele Muratori, Membru Parlamentari mir-Repubblika ta' San Marino li segwa parti mis-Seduta mill-gallarija tal-pubbliku.

## TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2807 Lista ta' kotba u dokumenti li ġew restawrati minn entitajiet taħt il-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali fis-snin 2022 u 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14150;

f'isem il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2808 Rapport Annwali għas-sena 2022 tal-Kumitat tas-Sigurtà skont l-Artiklu 14(4) tal-Att dwar is-Servizzi tas-Sigurtà, Kap. 391;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2809 Avviż Legali Nru 303 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar il-Kondizzjonijiet tad-Dħul u tar-Residenza ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi għall-Finijiet ta' Impjieg bi Kwalifiki Għoljin;

P.L. 2810 Avviż Legali Nru 312 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija;

P.L. 2811 Avviż Legali Nru 313 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pensjonijiet għal min jaħdem fil-Ħabs;

P.L. 2812 Avviż Legali Nru 314 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Pensjonijiet tal-Protezzjoni Ċivili;

P.L. 2813 Avviż Legali Nru 315 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza Regolari tal-Forzi Armati ta' Malta;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2814 Avviż Legali Nru 311 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 dwar Qafas għall-Iskart tal-Kostruzzjoni u tad-Demolizzjoni; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2815 Avviż Legali Nru 298 tal-2023 – Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Benefiċċji minn Impieg jew Kariga;

P.L. 2816 Avviż Legali Nru 299 tal-2023 – Accountancy Profession (General Accounting Principles in respect of certain Eligible Entities related to the business of Insurance) Regulations, 2023;

P.L. 2817 Avviż Legali Nru 300 tal-2023 – Recovery and Resolution (Amendment) Regulations, 2023;

P.L. 2818 Avviż Legali Nru 301 tal-2023 – Regoli tal-2023 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2023);

P.L. 2819 Avviż Legali Nru 316 tal-2023 – Ordni tal-2023 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa għall-finijiet tal-artikolu 23 (Emenda Nru 2);

P.L. 2820 Kopja ta' Exemption Order numru IR 163/86/1 maħruġa fit-8 ta' Jannar 2024 lil numru ta' uffiċjali tal-LAFICO sekondati ma' kumpaniji li fihom LAFICO għandha l-ishma, skont l-artikolu 12(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income, Kap. 123;

P.L. 2821 Tabella li turi n-numru ta' konvenji għall-bejgħ/xiri ta' proprjetà li ġew iffirmati fis-snin 2021, 2022 u 2023, maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14241;

P.L. 2822 Tabella li turi n-numru ta' ħaddiema barranin li kienu qed jaħdmu f'Malta maqsuma skont il-pajjiż minn Jannar sa Lulju 2023, maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14242;

P.L. 2823 Tabella li turi n-numru ta' kuntratti għall-bejgħ/xiri ta' proprjetà li ġew iffirmati fis-snin 2021, 2022 u 2023, maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14245;

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2824 Avviż Legali Nru 306 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 biex jemendaw ir-Regolamenti għad-Dħul;

P.L. 2825 Avviż Legali Nru 307 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 biex jemendaw ir-Regolamenti għall-Għoti tal-Gradi tal-Honoris Causa;

P.L. 2826 Avviż Legali Nru 308 tal-2023 – Ordinamenti tal-2023 skont ir-Regolamenti tal-2023 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

P.L. 2827 Avviż Legali Nru 309 tal-2023 – Regolament tal-2023 biex jemenda r-Regolamenti għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

P.L. 2828 Avviż Legali Nru 310 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Pre-Tertiary Certificate in Dental Surgery Assistance; u

P.L. 2829 Lista ta' tenders maħruġa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 14248.

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2830 Avviż Legali Nru 302 tal-2023 – Ordni tal-2023 dwar Salarju jew Paga Mhux Sekwestrabbli; u

P.L. 2831 Avviż Legali Nru 305 tal-2023 – Regolamenti tal-2023 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini.

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Chris Bonett, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2832 Avviż Legali Nru 304 tal-2021 – Avviż ta' bidu fis-seħħ li stabbilixxa l-1 ta' Jannar 2024 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tal-Att tal-2023 dwar in-Navigazzjoni fl-Ajru (Att Nru XL tal-2023) (KAP. 641) għandhom jidħlu fis-seħħ.

**MOZZJONIJIET**

**ABBOZZ TA' LIĠI SABIEX IWAQQAF L-AĠENZIJA DWAR IS-SUQ TAL-PROPRJETÀ U BIEX JIPPROVDI GĦAR-REGOLAMENTAZZJONI TAS-SUQ TAL-PROPRJETÀ - MOZZJONI 206**

Il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona l-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi sabiex iwaqqaf l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà u biex jipprovdi għar-regolamentazzjoni tas-suq tal-proprjetà.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex iwaqqaf l-Aġenzija dwar is-Suq tal-Proprjetà u biex jipprovdi għar-regolamentazzjoni tas-suq tal-proprjetà" inqara l-ewwel darba.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Aġent Skrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI – ABBOZZ 79**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445, għall-finijiet ta' regolamentazzjoni aħjar tal-importazzjoni u l-moviment ta' proprjetà kulturali f'Malta".

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Owen Bonnici, l-Onor. Julie Zahra, l-Onor. Alison Zerafa Civelli, l-Onor. Claudette Buttigieg u l-Onor. Glenn Bedingfield.

Bil-permess tal-Kamra l-Onor. Julie Zahra qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2833 Estratt mill-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tas-7 ta 'Ġunju 2019 bl-isem *Regulation (EU) 2019/880 of the European Parliament and of the Council of 17 April 2019 on the introduction and the import of cultural goods*; u

P.L. 2834 Proposal for a Regulation of the European Parliament and of the Council on the import of cultural goods maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea fit-13 ta' Lulju 2017.

Fis-6.12 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata, u l-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali ppropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tlieta, 9 ta' Jannar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |

-----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Gvern mill-Onor. Chris Agius.

Fis-6.44 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 9 ta' Jannar 2024, bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali.

**ELEANOR SCERRI**
**AĠENT SKRIVAN TAL KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**